TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 61/16/F

**Livia Lukacs**

**vs**

**Portughes Laundry & Drycleaning**

Illum 26 ta' Lulju, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Marzu, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' seba' mitt ewro (€700), rappreżentanti *mattress cover* peress li wara li ħaditu għal *drycleaning* dana xrinkja.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi hija ħadet *mattress cover* għand is-soċjeta' ntimata sabiex isir id-*drycleaning* u wara li ġie lura ndunat li kien xrinkja u ma setgħetx tkompli tużah.

L-intimat issottometta li l-*mattress cover* kien diġa' ġie mgħoddi lilhom bil-ħall u li kellu ħafna moffa ġo fih, u allura kien xrinkja bil-ħall u mhux bid-*drycleaning*.

It-Tribunal, huwa konfrontat b'żewġ verżjonijiet, waħda li l-*mattress cover* kellu ħafna ħall fuqu u moffa, u li l-intimat qed jissottometti li dan kien il-kawża li l-*cover* xrinkja. Filwaqt li r-rikorrenti qegħda tgħid li għalkemm verament kellu l-ħall u l-moffa fuqu, xorta kien it-tort tal-intimat li l-*cover* xrinkja.

It-Tribunal, qed jiddeċiedi li kien hemm kontribuzzjoni serja da parte tar-rikorrenti li għamlet il-ħall u kif ukoll li kien hemm l-umdita', li dana seta' kkontribwixxa għax-*shrinkage*, pero' jekk l-intimat ra l-istat ta' dan il-*cover* u se mai kien jaf li ma setax iġibu lura kif kien tant kemm kien f'sitwazzjoni ħażina, jmissu m'għamilx id-*drycleaning*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**